MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1336/2003

**Commonwealth Educational Society Limited ta' Nassau Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Manwel Aquilina**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm128.64c (mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) rappresentanti bhala bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut ai termini tal-iskrittura datata 12 ta' Frar, 1999.

Is-socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-presentata tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Novembru 2001 kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2003 kif ukoll l-ispejjez tat-talba, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------